**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Lulju 2023**

**Rikors nru : 120/2023 AGV ;**

**A C**

**VS**

**D F (gia C)**

**F`isimha propju u ghan-nom ta' binha**

**minuri OC sive S;**

**GC**

**Direttur tar-registru Pubbliku**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta` A C , datat 9 ta' Mejju 2023,**

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jiddikjara :**

1. Illi l-attur u l-intimata DF gia C kienu mizzewgin u D F welldet zewg ulied subien: l-intimati G u O . Sussegwentament l-attur u D F iddivorzjaw fit-2 ta `Frar 2022 (vide dokument A) fejn l-intimata rrivertiet ghal kunjom xbubita 'F '.

2. ILLI G twieled fl-24 ta`Novembru 1998, mentri O twieled fit-8 ta` Gunju 2007- **Dokument B u Dokument C.**

3. ILLI l-imsemmija zewg ulied kienu gew registrati li huma ulied l-attur A C.

4. ILLI aktar recenti l-attur dahal f`dubju dwar jekk huwa kienx il-missier naturali ta `dawn iz-zewg ulied u wara li saru DNA tests opportuni, irrizultaw genetikament li hu mhuwiex il-missier naturali tal-imsemmija G u O – **DOKUMENT D u Dokument E)** .

5. Illi ghalhekk huwa fl-interess ta kull min hu involut li c-certifikati tat-twelid tal-Imsemmija G u O ikunu jirriflettu l-filjazzjoni korretta.

<u>TALBIET;</u>

Premess li l-intimat G u O C  mhux ulied naturali  tal-attur  A C   u l-parantela fuq ic-certifikat tat-twelid taghhom ghandha tigi korretta :

1. Tiddikara li  GC   mhux il-wild naturali  tal-attur A C ,
2. Tordna lid-Direttur Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat  tat-twelid , ta’ G C   fis-sens li jitnehha id-dettalji kollha ta’ missier it-tarbija, u cjoe AC , Plasterer,   18 Sarayeb Syria, Zurrieq Malta u Ak C  ( alive) u  jekk  ikun il- kaz, jigi korretta kunjom  l-omm, C,  nee F  wife of the Said A C  , u jigi registrat nhalaiben missier mhux maghruf.
3. Tiddikjara li  O  C  mhux il-wild naturali tal-attur AC.
4. Tordna lid-direttur Registru Pubbliku  jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat   tat-twelid, ta’  OC    fis-sens li jitnehha fid-dettalji kollha ta’ missier it-tarbija, u cjoe A C  , Plasterer,  18 Saryeb Syria, Zurrieq Malta u Ak. C   ( alive) u  jekk  ikun il-kaz,  jigu korretti ukoll  l-isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah u l-kunjom li bhalissa hu indikat OC  known as  S  u kunjom  l-omm li bhalissa huwa indikat C known as S nee F wife of the S A C known as S, u jigi registrat nhalaiben missier mhux maghruf.

**Bl-ispejjez kontra l-intimata, li hija minn issa ingunta in subizzjoni.**

**Rat ir-RISPOSTA GURAMENTATA TAD-DIRETTUR TAR-REGISTRU PUBBLIKU , datata 5 ta’ Gunju  2023,**

*L-Avukat Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur jesponi bil-qima u bil-Gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma:*

1. Illi preliminarjament jigi rileva tilli l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi skont dak li jirrizulta ictu ocoli fdic-certifikat tat-twelid ta` G {nru.4398/1998} (anness mar-rikors promotur bhala Dok B) huwa twieled gewwa Malta nhar l-24 ta Novembru 1998 li konjugi AC u DC nee' F filawqt li fic-certifikat tat-twelid tal-minuri O C known as S (nru.2289/2007) (anness mar-rikors promotur bhala Dok C) juri illi huwa twieled nhar it-8 ta` Gunju 2007, lil A C known as S u D C known as S nee F, ukoll fiz-zwieg. Illi dawn l-atti tat-twelid rispettivi gew maghmula skont id-dikjarazzjoni tal-genituri nnifishom;

3. Illi jidher issa li r-rikorrenti qieghed jishaq illi huwa mhux il-missier naturali taz-zewg ulied. Illi mar-rikors promotur hemm indikati rizultati ta DNA tets li skont ir-rikorret juru li huwa mhuwiex effettivament il-missier naturali u bijologiku. Nonstante l-esponent jeccepixxi illi dawn l-istess certifikati jonqos li jigu guramentati mill-espert li fil-fatt wettaq it-testijiet u multo magis l-istess rizultati jipprovdu illi m'humiex ammessibli fil-Qorti stante illi chain of custody ma gietx accertata.

4. Illi jirimetti ruhu ghas-savju superjuri ta din l-Onorabbli Qorti **<u>Salv dak li gej :</u>**

5. Illi rigward l-ewwel u t-tielet talba, din l-Onorabbli Qorti ghandha taccerta illi r-rikorrent verament mhuwiex il-missier naturali u bijologiku tal-ulied imsemmija u dan billi kull dokumentazzjoni pprezentata bhala evidenza

ghandha tkun l-ahjar wahda u tissodisfa il grad rikjest mill-ligi sabiex tikkostitwixxi prova xierqa ghal din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi ghandha issir korrezzjoni tat-tielet talba stante li l-minuri O C huwa maghruf fuq l-att tat-twelid bhala OC known as S u mhux sempliciment O C ;

7. Illi rigward it-tieni u r-raba` talba kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti tilqa l-ewwel u it-tielet talba, l-partijiet ghandhom jiddeciedu wkoll b'mod definittiv il-kunjom li se jassumu l-ulied u dan fl-ahjar interess taghhom u din id-decizzjoni ghandha tkun riflessa fis-sentenza;

**8.** Illi dejjem fir-rigward tat-tieni u r-raba' talba, l-esponent jishaq ukoll illi jekk din l-Onorabbli tilqa` l-istess , ikun xieraq li l-kliem the said li jinsab fil-kolona u fir-ringiela fejn hemm indikat it-taghrif dwar l-omm fuq l-Atti tat-Twelid taz-zewg ulied jigu kkancellati mill-istess Atti tat-Twelid. **Ghaldaqstant l-esponent huwa tal-umli fehma illighandha tintalab l-awtorizzazzjoni ta din l-Onorabbli Qorti sabiex isiru talbiet specifici f'dan ir-rigward;**

9. Illi finalment l-esponent m'ghandu jehel ebda spejjez ta dawn il-proceduri stante illi huwa car illi fil-kaz odjern ma jirrizulta ebda nuqqas tal-esponent imharrek;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-Ligi;

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li minn issa ingunt in subizzjoni**.

Rat li l-intimata D F  ma ppresentatx ir-risposta guramentata taghha.

Rat li l-intimat G C  ukoll ma ppresentax ir-risposta guramentata tieghu.

Rat li l-intimata ma kellha ebda oggezzjoni ghat-talbiet attrici, u ghalhekk iddikjarat illi qed taqbel mal-istess talbiet.

Rat li kemm l-intimata  DF  , kif ukoll iz-zewg ulied, G  u O C  qed jaqblu li l-kunjom taghhom ghandu jinbidel ghal dak ta' ommhom, u cioe' 'F'.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-attur ippremetta li hu kien mizzewweg lill-konvenuta D F  , u waqt iz-zwieg twieldu zewgt itfal, imsemmija G u O. Bl-azzjoni odjerna, l-attur qed jikkontesta l-paternita' taz-zewgt itfal, ghalkemm huma twieldu fiz-zmien meta l-partijiet kienu ghadhom mizzewgin.

Illi fil-mori tal-kawza gie ippresentat ir-risultat ta' ezami tad-DNA ta' ulied il-konvenuta. Dan juri b'mod definit illi z-zewg ulied mhumiex il-wild naturali tal-attur, u ghalhekk it-talbiet tieghu ghandhom jintlaqghu. Il-fatti m'humiex kontestati mill-intimata, u l-istess zewg ulied qablu wkoll li l-kunjom taghhom jinbidel ghal ta' ommhom.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Tilqa' t-talbiet attrici.

1. Tiddikara li GC mhux il-wild naturali tal-attur A C .

2. Tordna lid-Direttur Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid , ta' G C, fis-sens li jitnehha id-dettalji kollha ta' missier it-tarbija, u cjoe AC, Plasterer, 18 Sarayeb Syria, Zurrieq Malta u Ak C ( alive) u jekk ikun il- kaz, jigu korretti ukoll l-isem jew ismijiet kif ghandu jissejjah u l-kunjom li bhalissa hu indikat G C known as S u jinbidel ghal F, u jigi korretta kunjom l-omm, C, nee F wife of the Said A C , u jigi registrat bhala iben missier mhux maghruf.

3. Tiddikjara li O C mhux il-wild naturali tal-attur A C .

4. Tordna lid-direttur Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid, ta' OC, fis-sens li jitnehha fid-dettalji kollha ta' missier it-tarbija, u cjoe A C , Plasterer, 18 Saryeb Syria, Zurrieq Malta u Ak. C ( alive) u jekk ikun il-kaz, jigu korretti ukoll l-isem jew ismijiet kif ghandu jissejjah u l-kunjom li bhalissa hu indikat O C known as S u jinbidel ghal F, u kunjom l-omm li bhalissa huwa indikat C known as S nee F wife of the Said AC known as S, u jigi registrat bhala iben missier mhux maghruf.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta DF .**

**Imhallef**

**Onor. Anthony G Vella**

**Cettina Gauci- Dep Reg**